INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2016/C 239/03)

SEJĦA PUBBLIKA GĦALL-OFFERTI GĦAL KONĊESSJONI GĦALL-IPPROSPETTAR U L-ESPLORAZZJONI TAD-DEPOŻITI TA' GASS NATURALI U L-ESTRAZZJONI TAL-GASS NATURALI FIŻ-ŻONA TA' "BYTÓW"

TAQSIMA I: BAŻI ĠURIDIKA

1. L-Artikolu 49h(2) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, l-entrata 196, kif emendat)

2. Ir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar l-offerti għall-konċessjonijiet għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u għall-estrazzjoni tal-idrokarburi, u l-konċessjonijiet għall-estrazzjoni tal-idrokarburi (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2015, l-entrata 1171)

3. Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3; Edizzjoni speċjali bil-Pollakk: Kapitolu 6, Volum 2, p. 262)

TAQSIMA II: L-ENTITÀ LI QED TISTIEDEN L-OFFERTI

Isem: Il-Ministeru għall-Ambjent
Indirizz tal-posta: ul. Wawelska 52/54, 00-922 Varsavja, il-Polonja
Numru tat-telefown: +48 223692449, +48 223692447; Numru tal-faks: +48 223692460
Sit web: www.mos.gov.pl

TAQSIMA III: SUĠĠETT TAL-PROĊEDURA

(1) **It-tip ta' attivitajiet li għalihom se tingħata l-konċessjoni:**

Konċessjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u għall-estrazzjoni tal-gass naturali fiż-żona ta' "Bytów" għall-blokok tal-konċessjoni 47, 48, 67 u 68.

(2) **Iż-żona li fiha għandhom jitwettqu l-attivitajiet:**

Il-konfini taż-żona koperti minn din il-proċedura ta' sejħa għall-offerti huma ddefiniti minn linji li jgħaqqdu l-punti li għandhom il-koordinati li ġejjin fis-sistema tal-koordinati PL-1992:

Numru tal-punt	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
1	717 727,830	420 880,037
2	710 216,130	420 752,340
3	709 994,910	434 842,340
4	698 409,340	434 721,120
5	682 184,522	434 676,546
6	682 361,035	425 652,512
7	715 272,850	395 605,440
8	716 494,070	396 555,860
9	715 724,310	399 111,560
10	718 080,130	401 575,960
11	718 106,130	402 821,010
12	715 616,010	404 551,170

Numru tal-punt	X [PL-1992]	Y [PL-1992]
13	715 760,230	406 358,870
14	719 743,146	407 446,849
15	719 941,330	411 157,160
16	717 910,170	410 935,090

Is-superfiċje tal-projezzjoni vertikali taż-żona koperta minn din il-proċedura ta' sejħa għall-offerti hija ta' 779,97 km².

Iż-żona koperta mill-proċedura ta' sejħa għall-offerti tinsab fid-distretti u l-muniċipalitajiet li ġejjin fil-Provinċja ta' Pomorskie:

fid-Distrett ta' Słupsk: il-muniċipalità ta' Dębnica Kaszubska (0,46 % taż-żona);

fid-Distrett ta' Bytów: il-muniċipalitajiet ta' Czarna Dąbrówka (13,34 %), Bytów (5,61 %), Parchowo (16,81 %) u Studzienice (2,75 %);

fid-Distrett ta' Kościerzyna: il-muniċipalitajiet ta' Dziemiany (3,44 %), Lipusz (10,37 %) u **Kościerzyna (24,33 %)**, il-belt ta' Kościerzyna (1,54 %) u l-muniċipalità ta' Stara Kiszewa (0,03 %);

fid-Distrett ta' Kartuzy: il-muniċipalitajiet ta' Stężyca (7,73 %), Sulęczyno (12,21 %), Sierakowice (1,37 %) u Chmielno (0,011 %).

L-għan tax-xogħlijiet li għandhom isiru fil-formazzjonijiet Paleożojċi huwa li jiġu ddokumentati u estratti d-depożiti tal-gass naturali li jinsabu fiż-żona deskritta hawn fuq.

(3) **Il-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti, li ma jkunx inqas minn 90 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika, u l-post fejn dawn għandhom jiġu ppreżentati:**

L-offerti għandhom jiġu ppreżentati lill-kwartieri ġenerali tal-Ministeru għall-Ambjent sa mhux aktar tard mill-16.00 (CET/CEST) fl-aħħar jum tal-perjodu ta' 91 jum li jibda mill-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tan-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) **L-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati tal-offerti, inklużi l-kriterji tal-evalwazzjoni tal-offerti u l-ispeċifikazzjoni tal-piż tagħhom, li jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49k tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni tad-9 ta' Ġunju 2011:**

L-offerti jistgħu jiġu ppreżentati mill-entitajiet li fir-rigward tagħhom tkun inħarġet deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv tal-proċedura ta' kwalifika, kif previst fl-Artikolu 49a(16)(1) u (2) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni, indipendentement, jew bħala l-operatur jekk bosta entitajiet ikunu qed japplikaw b'mod konġunt għall-konċessjoni.

L-offerti li jaslu se jiġu evalwati mill-kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti abbażi tal-kriterji li ġejjin:

30 %: il-kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija adegwata li l-attivitajiet relatati mal-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u mal-estrazzjoni tal-idrokarburi, rispettivament, se jitwettqu, u b'mod partikulari s-sorsi u l-metodi ta' finanzjament tal-attivitajiet maħsuba, inkluż is-sehem tal-fondi proprji u tal-finanzjament estern;

25 %: il-kapaċitajiet tekniċi għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u għall-estrazzjoni tal-idrokarburi, rispettivament, u b'mod partikulari d-disponibilità tal-potenzjal tekniku, organizzattiv, loġistiku u tar-riżorsi umani x-xieraq;

20 %: l-ambitu u l-iskedar tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni proposti;

10 %: l-esperjenza fl-ipprospettar u fl-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi jew fl-estrazzjoni tal-idrokarburi, l-iżgurar ta' operazzjoni sikura, il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, u l-ħarsien tal-ambjent;

10 %: it-teknoloġija proposta għat-twettiq tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni, bl-użu ta' elementi innovattivi żviluppati għal dan il-proġett;

5 %: l-ambitu u l-iskedar tal-ġbir obbligatorju tal-kampjuni miksuba matul l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi l-mases ċilindriċi.

Jekk, wara l-evalwazzjoni tal-offerti abbażi tal-kriterji msemmija hawn fuq, żewġ offerti jew aktar jiksbu l-istess riżultat, l-ammont tar-rimunerazzjoni dovut għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt tal-estrazzjoni matul il-fażi tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni se jintuża bħala kriterju addizzjonali li jippermetti li ssir għażla finali bejn l-offerti kkonċernati.

(5) **L-ambitu minimu tal-informazzjoni ġeoloġika:**

Dejta dwar il-konċessjoni	Isem taż-żona: Bytów Post: fuq l-art; il-blokok tal-konċessjoni 47, 48, 67 u 68;
Tip ta' depożitu	Depożiti tal-gass naturali konvenzjonali u mhux
Livelli strutturali	Ċenożojku Mežożojku Permjan Paleożojku ta' Isfel Prekambrijan
Sistemi ta' żejt mhux maħdum	I — mhux konvenzjonali II — konvenzjonali
Ġebel tas-sors	I — Ġebel tat-tajn u tat-tafal Silurjan u Ordovikjan II — Intrużjonijiet Kambrijani tat-tajn u tat-tafal u ġebel tat-tajn u tat-tafal Silurjan u Ordovikjan ta' kopertura
Blat ġibjun	I — Ġebel tat-tajn u tat-tafal Silurjan u Ordovikjan II — Ġebel ramli Kambrijan Baxx u tan-Nofs
Ġebel ta' siġill	I — Ġebel Silurjan ta' Fuq (Ludlow u Pridoli) u evaporati ta' Zechstein II — Ġebel tat-tajn u tat-tafal Silurjan u Ordovikjan u evaporati ta' Zechstein
Ħxuna tal-qoxra	I — minn madwar 3 700 m (fit-toqba għat-tiftix taż-żejt ta' Bytów IG-1) sa madwar 4 000 m (f'Kościerzyna IG-1 u Gapowo B-1) II — madwar 4 250 m (f'Gapowo B-1)
Tip ta' nassa	I — mhux konvenzjonali II — strutturali, stratigrafika
Depożiti identifikati fil-viċinanza (GN — gass naturali; Ż — żejt)	I — l-ebda depożitu ta' gass tax-shale II — l-ebda depożitu ta' gass naturali, iżda ġew identifikati depożiti f'dan l-intervall: Żarnowiec W (Ż) — skopert fl-1990; produzzjoni kumulattiva: 4 160 tunnellata; produzzjoni fl-2014: 50 tunnellata; riżervi u riżorsi: 17 840 tunnellata (industrijali: 3 880 tunnellata) Dębki-Żarnowiec (Ż, żewġ depożiti separati sa mill-1995, li għalihom qed tingħata dejta aggregata hawnhekk) — skoperti fl-1977; produzzjoni kumulattiva: 39 120 tunnellata; produzzjoni fl-2014:810 tunnellati; riżervi u riżorsi: 51 680 tunnellata (industrijali: 7 590 tunnellata) Białogóra E (Ż) — skopert fl-1995; produzzjoni kumulattiva fuq 11-il sena: 1 410 tunnellati; produzzjoni fl-2014: 0; riżervi u riżorsi: 0 (industrijali: 380 tunnellata)
Stħarriġ sismiku mwettaq (mis-sid)	Fl-2012: seba' studji tal-profili 2D (Indiana Investments Sp. z o. o.)
Bjar ta' referenza u bjar ta' kumpens (TVD)	Bjar ta' referenza: Bytów IG-1 (2 569,70 m), Gapowo B-1/1 A (4 299,79 m) Bjar ta' kumpens: Kościerzyna IG-1 (5 202,0 m), Lębork IG-1 (3 310,0 m)

(6) **Data tal-bidu tal-attivitajiet:**

L-attivitajiet koperti mill-konċessjoni se jibdew fi żmien 14-il jum mid-data li fiha d-deċiżjoni dwar l-għoti tal-konċessjoni ssir finali.

(7) **Kundizzjonijiet għall-għoti tal-konċessjoni, b'mod partikulari dwar l-ammont, l-ambitu u l-mod ta' kif tingħata l-garanzija msemmija fl-Artikolu 49x(1) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni u, meta jkun iġġustifikat, l-ammont, l-ambitu u l-mod ta' kif tingħata l-garanzija msemmija fl-Artikolu 49x(2) ta' dak l-Att:**

L-offerent rebbieħ huwa meħtieġ jipprovdi garanzija li tkopri n-nuqqas ta' konformità jew il-konformità mhux adegwata mal-kundizzjonijiet stipulati fil-konċessjoni u biex jiġi ffinanzjat l-għeluq tax-xogħol tal-estrazzjoni jekk il-konċessjoni tiskadi, tiġi rtirata jew ma tibqax valida. Il-garanzija għandha tingħata għall-perjodu mid-data li fiha tingħata l-konċessjoni sa tmiem il-fażi tal-ipprospettar u l-esplorazzjoni. L-ammont tal-garanzija huwa ta' PLN 100 000. Il-forma u d-data tal-ħlas tagħha huma rregolati mill-Artikolu 49x(4) u (5) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni.

(8) **L-ambitu minimu tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni:**

Il-programm minimu ta' xogħlijiet ġeoloġiċi proposti għall-fażi tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni jinkludi l-affarijiet li ġejjin:

Tul tal-fażi I: 12-il xahar

Ambitu ta' din il-fażi: l-interpretazzjoni u l-analiżi tad-dejta ġeoloġika fl-arkivji

Tul tal-fażi II: 12-il xahar

Ambitu ta' din il-fażi: l-eżekuzzjoni ta' stħarriġ sismiku 2D (100 km) jew it-tħaffir ta' toqba għat-tiftix taż-żejt ta' fond massimu ta' 5 000 m, bi tħaffir obbligatorju ta' intervalli prospettivi

Tul tal-fażi III: 24 xahar

Ambitu ta' din il-fażi: it-tħaffir ta' toqba għat-tiftix taż-żejt ta' fond massimu ta' 5 000 m, bi tħaffir obbligatorju ta' intervalli prospettivi

Tul tal-fażi IV: 12-il xahar

Ambitu ta' din il-fażi: l-analiżi tad-dejta miksuba

(9) **Perjodu li għalih se tingħata l-konċessjoni:**

Il-perjodu tal-konċessjoni huwa ta' għaxar snin, u jinkludi:

— fażi tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni twila ħames snin, li tibda mid-data li fiha tingħata l-konċessjoni,

— fażi ta' estrazzjoni, li tibda mid-data li fiha tinkiseb deċiżjoni dwar l-investiment.

(10) **Il-kundizzjonijiet speċifiċi għat-twettiq tal-attivitajiet u għall-iżgurar tas-sikurezza pubblika, tas-saħħa pubblika, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-ġestjoni razzjonali tad-depożiti:**

L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-konċessjoni m'għandhiex tikser id-drittijiet tas-sidien tal-art u ma tneħħix il-bżonn li jkun hemm konformità ma' rekwiżiti oħrajn stipulati fil-leġiżlazzjoni, b'mod partikulari fl-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni, u mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-art, il-ħarsien tal-ambjent, l-art agrikola u l-foresti, in-natura, l-ilmijiet u l-iskart.

Matul il-valutazzjoni tal-abbozz tad-deċiżjoni u tal-pakkett tad-dejta ġeoloġika, tqajmet oġġezzjoni mill-muniċipalità ta' Parchowo dwar fejn se jsiru x-xogħlijiet tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni għall-konċessjoni ppjanata fil-konfini tagħha.

(11) **Mudell tal-ftehim dwar l-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni:**

Il-mudell tal-ftehim huwa mehmuż bħala anness ma' dan id-dokument.

(12) **Informazzjoni dwar l-ammont ta' rimunerazzjoni għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni:**

L-ammont minimu tar-rimunerazzjoni għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għaż-żona ta' "Bytów" matul il-perjodu bażi ta' ħames snin huwa ta' PLN 165 759,22 (fi kliem, mija u ħamsa u sittin elf seba' mija u disgħa u ħamsin zloty u tnejn u għoxrin grosz) fis-sena. Ir-rimunerazzjoni annwali għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għall-iskopijiet tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni tal-minerali hija marbuta mal-indiċijiet tal-prezzijiet annwali medji tal-konsumatur stabbiliti b'mod kumulattiv għall-perjodu mill-konklużjoni tal-ftehim sas-sena ta' qabel id-data għall-ħlas tar-rimunerazzjoni, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika fil-*Monitor Polski* (Il-Gazzetta Uffiċjali) (l-Artikolu 49h(3)(12) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni).

(13) **Informazzjoni dwar ir-rekwiżiti li l-offerti għandhom jissodisfaw u dwar id-dokumenti meħtieġa mingħand l-offerenti:**

1. L-offerti għandhom jispeċifikaw:

   (1) l-isem (l-isem kummerċjali) u l-uffiċċju reġistrat tal-offerent;

   (2) is-suġġett tal-offerta, flimkien ma' deskrizzjoni li tiddefinixxi ż-żona li fiha se tkun qed tingħata l-konċessjoni u li għaliha jridu jiġu stabbiliti d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni;

   (3) il-perjodu li għalih għandha tingħata l-konċessjoni, it-tul tal-fażi tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni u d-data tal-bidu tal-attivitajiet;

   (4) l-għan, l-ambitu u n-natura tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni, u informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu sabiex jinkiseb l-għan maħsub u t-teknoloġiji li għandhom jintużaw;

   (5) skeda taż-żmien tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, imqassma fi snin, u l-ambitu ta' dawn ix-xogħlijiet;

   (6) l-iskop u l-iskeda taż-żmien tal-ġbir obbligatorju tal-kampjuni miksuba matul l-operazzjonijiet ġeoloġiċi, inklużi l-mases ċilindriċi, kif imsemmi fl-Artikolu 82(2)(2) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni;

   (7) id-drittijiet miżmuma mill-offerent għall-proprjetà reali (is-superfiċje) li fiha għandhom jitwettqu l-attivitajiet maħsuba, jew id-dritt li għall-istabbilment tiegħu qed tapplika dik l-entità;

   (8) lista taż-żoni koperti minn skemi ta' konservazzjoni tan-natura; dan ir-rekwiżit ma jikkonċernax proġetti li għalihom hija meħtieġa deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet ambjentali;

   (9) il-mod kif għandhom jittaffew l-impatti ambjentali negattivi tal-attivitajiet maħsuba;

   (10) l-ambitu tal-informazzjoni ġeoloġika disponibbli għall-offerent;

   (11) l-esperjenza fl-ipprospettar u fl-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi jew fl-estrazzjoni tal-idrokarburi, l-iżgurar ta' operazzjoni sikura, il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, u l-ħarsien tal-ambjent;

   (12) il-kapaċitajiet tekniċi għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u għall-estrazzjoni tal-idrokarburi, rispettivament, u b'mod partikulari d-disponibilità tal-potenzjal tekniku, organizzattiv, loġistiku u tar-riżorsi umani x-xieraq;

   (13) il-kapaċitajiet finanzjarji li joffru garanzija adegwata li l-attivitajiet relatati mal-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u mal-estrazzjoni tal-idrokarburi, rispettivament, se jitwettqu, u b'mod partikulari s-sorsi u l-metodi ta' finanzjament tal-attivitajiet maħsuba, inkluż is-sehem tal-fondi proprji u tal-finanzjament estern;

   (14) it-teknoloġija proposta għat-twettiq tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeoloġiċi jew l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni;

   (15) l-ammont propost tar-rimunerazzjoni għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni, li ma jkunx inqas mill-ammont speċifikat fin-notifika li tniedi l-proċedura ta' sejħa għall-offerti;

   (16) il-forma proposta biex tingħata l-garanzija;

   (17) jekk offerta tiġi ppreżentata b'mod konġunt minn diversi entitajiet, l-offerta għandha tispeċifika wkoll l-affarijiet li ġejjin:

      (a) l-ismijiet (l-ismijiet kummerċjali) u l-uffiċċji reġistrati tal-entitajiet kollha li qed jippreżentaw l-offerta;

      (b) l-operatur;

      (c) il-perċentwal ta' ishma fil-kostijiet tax-xogħlijiet ġeoloġiċi, inklużi l-operazzjonijiet ġeografiċi, propost fil-ftehim ta' kooperazzjoni;

2. L-offerti ppreżentati fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stipulati fin-notifika li tniedi dik il-proċedura ta' sejħa għall-offerti.

3. Id-dokumenti li ġejjin għandhom jintbagħtu mal-offerti:

   (1) prova tal-eżistenza taċ-ċirkustanzi deskritti fl-offerta, b'mod partikulari siltiet mir-reġistri rilevanti;

   (2) prova li jkun tħalla depożitu;

(3) kopja tad-deċiżjoni li tikkonferma r-riżultat pożittiv tal-proċedura ta' kwalifika, kif prevista fl-Artikolu 49a(17) tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni;

(4) annessi grafiċi ppreparati f'konformità mar-rekwiżiti relatati mal-mapep tal-estrazzjoni, li jindikaw il-fruntieri amministrattivi tal-pajjiż;

(5) impenji bil-miktub li r-riżorsi tekniċi se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-entità li qed tieħu sehem fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti jekk se jintużaw ir-riżorsi tekniċi ta' entitajiet oħrajn fl-implimentazzjoni tal-konċessjoni;

(6) żewġ kopji tal-fajl tal-proġett tal-operazzjonijiet ġeoloġiċi.

4. L-offerenti jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess, jipprovdu informazzjoni addizzjonali fl-offerti tagħhom jew jehmżu dokumenti addizzjonali magħhom.

5. Id-dokumenti ppreżentati mill-offerenti għandhom ikunu dokumenti oriġinali jew kopji reali ċċertifikati tad-dokumenti oriġinali kif previst fil-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-kopji tad-dokumenti li għandhom jinħemżu mal-offerti u li nħolqu mill-awtorità tal-konċessjoni.

6. Id-dokumenti mfassla f'lingwa barranija għandhom jiġu ppreżentati flimkien ma' traduzzjoni għall-Pollakk magħmula minn traduttur ġuramentat.

7. L-offerti għandhom jiġu ppreżentati f'envelopp issiġillat jew f'pakkett issiġillat li jkollu l-isem (l-isem kummerċjali) tal-offerent u li jindika s-suġġett tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti.

8. L-offerti ppreżentati wara li jiskadi l-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti għandhom jintbagħtu lura lill-offerenti minghajr ma jinfetħu.

(14) **Informazzjoni dwar il-mod kif jitħalla depożitu, l-ammont tad-depożitu u d-data tal-ħlas:**

L-offerenti huma mitluba jħallu depożitu ta' PLN 1 000 (fi kliem, elf zloty) qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti.

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

IV.1) **Kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti**

L-awtorità tal-konċessjoni se taħtar kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti bil-għan li dan iwettaq il-proċedura ta' sejħa għall-offerti u jagħżel l-iktar offerta vantaġġuża. Il-kompożizzjoni u r-regoli ta' proċedura tal-kumitat huma speċifikati fir-Regolament tal-Kabinett tat-28 ta' Lulju 2015 dwar il-proċeduri ta' sejħa għall-offerti għall-konċessjonijiet għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi u għall-estrazzjoni tal-idrokarburi, u għall-konċessjonijiet għall-estrazzjoni tal-idrokarburi (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2015, l-entrata 1171). Il-kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti jippreżenta rapport dwar il-proċedura ta' sejħa għall-offerti lill-awtorità tal-konċessjoni għall-approvazzjoni tagħha. Flimkien mal-offerti u mad-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' sejħa għall-offerti, ir-rapport huwa miftuħ għal entitajiet oħrajn li jippreżentaw l-offerti.

IV.2) **Spjegazzjonijiet addizzjonali**

Fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika, entità interessata tista' titlob lill-awtorità tal-konċessjoni tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati tal-offerti. Fi żmien sebat ijiem minn meta tirċievi t-talba, l-awtorità tal-konċessjoni se tippubblika l-ispjegazzjonijiet fil-paġna tal-uffiċċju amministrattiv li jaqa' taħt l-awtorità fil-*Biuletyn Informacji Publicznej* (il-Bullettin tal-Informazzjoni Pubblika).

IV.3) **Informazzjoni addizzjonali**

Is-Servizz Ġeoloġiku Pollakk ġabar l-informazzjoni kollha dwar iż-żona koperta mill-proċedura ta' sejħa għall-offerti fil-*Pakiet danych geologicznych* (il-Pakkett ta' Dejta Ġeoloġika), li huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Ambjent (www.mos.gov.pl) u mill-indirizz li ġej:

Departament Geologii i Koncesji Geologicznych (Id-Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi)
Il-Ministeru għall-Ambjent
ul. Wawelska 52/54
00-922 Varsavja, il-Polonja
Tel. +48 223692449; Faks +48 223692460

ANNESS

FTEHIM

li jistabbilixxi d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u għall-estrazzjoni tal-gass naturali fiż-żona ta' "Bytów"

konkluż f'Varsavja nhar il-..... 2016 bejn:

it-Teżorerija tal-Istat, irrappreżentata mill-Ministru għall-Ambjent, li għaliha u f'isimha qed jaġixxi, skont il-prokura Nru 5 tas-27 ta' Jannar 2016, is-Sur Mariusz Orion Jędrysek, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Ambjent u l-Kap Ġeologu tal-Polonja, minn hawn 'il quddiem imsejħa "it-Teżorerija tal-Istat"

u

XXX, bl-uffiċċju rreġistrat fi: ..... (l-indirizz sħiħ) .....

minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni",

ifformulat kif ġej:

Taqsima 1

1. It-Teżorerija tal-Istat, bħala sid esklużiv tas-sottostrati tal-qoxra tad-Dinja li jkopru ż-żona fil-muniċipalitajiet ta' Dębnica Kaszubska, Czarna Dąbrówka, Parchowo, Studzienice, Dziemiany, Lipusz, Kościerzyna, Stara Kiszewa, Stężyca, Sulęczyno, Sierakowice u Chmielno, il-belt u l-muniċipalità ta' Bytów, u l-belt ta' Kościerzyna fil-Provinċja ta' Pomorskie, li l-konfini tagħha huma ddefiniti minn linji li jgħaqqdu l-punti (1 sa 16) li għandhom il-koordinati li ġejjin fis-sistema tal-koordinati PL-1992:

Numru	Koordinati	
	X	Y
1	717 727,830	420 880,037
2	710 216,130	420 752,340
3	709 994,910	434 842,340
4	698 409,340	434 721,120
5	682 184,522	434 676,546
6	682 361,035	425 652,512
7	715 272,850	395 605,440
8	716 494,070	396 555,860
9	715 724,310	399 111,560
10	718 080,130	401 575,960
11	718 106,130	402 821,010
12	715 616,010	404 551,170
13	715 760,230	406 358,870
14	719 743,146	407 446,849
15	719 941,330	411 157,160
16	717 910,170	410 935,090

b'dan tistabbilixxi d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għad-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni fiż-żona deskritta hawn fuq, limitata minn naħa ta' fuq mill-iktar konfini baxx tal-karatteristiċi tas-superfiċje tal-art u minn taħt mill-art ta' formazzjonijiet Paleożojċi, sakemm id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jikseb konċessjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u għall-estrazzjoni tal-gass naturali fiż-żona ta' "Bytów" fi żmien sena mid-data tal-ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni.

2. Jekk il-kundizzjoni li tinkiseb il-konċessjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix issodisfata, l-obbligi li joħorġu mill-ftehim għandhom jiskadu.

3. Fiż-żona tal-massa tal-ġebel speċifikata fil-paragrafu 1, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jista':

   (1) jwettaq attivitajiet relatati mal-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u mal-estrazzjoni tal-gass naturali fil-formazzjonijiet Paleożoiċi; u

   (2) jwettaq kull xogħol u kull attività li huma meħtieġa fil-bqija taż-żona biex jinkiseb aċċess għall-formazzjonijiet Paleożoiċi.

4. Is-superfiċje tal-projezzjoni vertikali taż-żona deskritta hawn fuq hija ta' 779,97 km^2.

Taqsima 2

1. Il-ftehim li jistabbilixxi d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha tinkiseb il-konċessjoni.

2. Id-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' għaxar snin, li jinkludi ħames snin għall-fażi ta' pprospettar u esplorazzjoni u ħames snin għall-fażi ta' estrazzjoni, suġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 9.

3. Id-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni għandhom jiskadu fid-data li fiha tintemm il-konċessjoni.

Taqsima 3

1. Id-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni jintitolaw lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni juża ż-żona speċifikata fit-Taqsima 1 fuq bażi esklużiva għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u għall-estrazzjoni tal-gass naturali fiż-żona ta' "Bytów", kif ukoll għat-twettiq tal-operazzjonijiet u tal-attivitajiet kollha meħtieġa għal dan il-għan f'dik iż-żona f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'mod partikulari mal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni tad-9 ta' Ġunju 2011 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet (*Dziennik Ustaw*) 2015, l-entrata 196, kif emendat), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni", u mad-deċiżjonijiet maħruġa abbażi tiegħu. Matul il-fażi tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jista' jiżviluppa l-minerali li qed jiġu esplorati biss sal-punt meħtieġ biex titfassal id-dokumentazzjoni ġeoloġika u ta' investiment.

2. Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jimpenja ruħu li jinnotifika lit-Teżorerija tal-Istat, bil-miktub, dwar kwalunkwe bidla li twassal għal bidla fl-isem jew fil-forma organizzattiva, għal bidla fir-reġistrazzjoni u fin-numri ta' identifikazzjoni jew għal żidiet jew tnaqqis fil-kapital azzjonarju, dwar it-trasferiment tal-konċessjoni lil entità oħra b'mod leġittimu, dwar is-sottomissjoni ta' petizzjoni ta' falliment, dwar id-dikjarazzjoni ta' falliment jew dwar l-għoti ta' bidu għall-proċedimenti ta' ftehim jew għall-proċedimenti ta' likwidazzjoni. It-Teżorerija tal-Istat tista' tirrikjedi li fit-tali każijiet jingħataw l-ispjegazzjonijiet meħtieġa. In-notifika għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data meta jkunu seħħew iċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq.

Taqsima 4

Il-ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' partijiet terzi, b'mod partikulari tas-sidien tal-art, u d-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni m'għandux ikun eżentat mill-ħtieġa li jikkonforma mar-rekwiżiti previsti mil-liġi, b'mod partikulari dawk relatati mal-ipprospettar u l-esplorazzjoni tal-minerali u mal-ħarsien u l-użu tar-riżorsi ambjentali.

Taqsima 5

It-Teżorerija tal-Istat tirriżerva d-dritt li tistabbilixxi, fiż-żona msemmija fit-Taqsima 1(1), drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni sabiex jitwettqu attivitajiet oħrajn minbarra dawk speċifikati fil-ftehim, b'mod li ma jiksirx id-drittijiet tad-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni.

Taqsima 6

1. Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallas lit-Teżorerija tal-Istat it-tariffa li ġejja għad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni fiż-żona speċifikata fit-Taqsima 1(1) matul il-fażi ta' ħames snin tal-ipprospettar u tal-esplorazzjoni, għal kull sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni (li tingħadd bħala 12-il xahar konsekuttiv):

   (a) PLN ..... (*ammont*) (*fi kliem:* ..... zlotys) għall-ewwel sena ta' użufrutt, li tibda mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni;

   (b) PLN ..... (*ammont*) (*fi kliem:* ..... zlotys) għat-tieni sena ta' użufrutt, li tibda mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni;

(c) PLN ..... (*ammont*) (*fi kliem:* ..... zlotys) għat-tielet sena ta' użufrutt, li tibda mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni;

(d) PLN ..... (*ammont*) (*fi kliem:* ..... zlotys) għar-raba' sena ta' użufrutt, li tibda mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni;

(e) PLN ..... (*ammont*) (*fi kliem:* ..... zlotys) għall-ħames sena ta' użufrutt, li tibda mid-data li fiha daħal fis-seħħ il-ftehim, fi żmien 30 jum mill-bidu ta' dik is-sena ta' użufrutt tal-estrazzjoni,

– suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

2. Jekk id-data għall-ħlas tat-tariffa dovuta għal sena partikulari ta' użufrutt tal-estrazzjoni tkun bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallas it-tariffa sal-1 ta' Marzu. Madankollu, jekk it-tariffa tkun suġġetta għall-indiċjar skont il-paragrafi 3 sa 5, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallasha mhux aktar kmieni mid-data li fiha jitħabbar l-indiċi msemmi fil-paragrafu 3, wara li jitqies dak l-indiċi.

3. It-tariffa speċifikata fil-paragrafu 1 għandha tiġi indiċjata mal-indiċijiet tal-prezzijiet annwali medji tal-konsumatur stabbiliti għall-perjodu mill-konklużjoni ta' dan il-ftehim sas-sena ta' qabel id-data għall-ħlas tat-tariffa, kif imħabbar mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika fil-*Monitor Polski* (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja).

4. Jekk id-data għall-ħlas tat-tariffa tkun taqa' fl-istess sena kalendarja bħal dik li fiha ġie konkluż il-ftehim, it-tariffa m'għandhiex tiġi indiċjata.

5. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż u jkun daħal fis-seħħ fis-sena ta' qabel dik li fiha tkun taqa' d-data għall-ħlas tat-tariffa, it-tariffa m'għanhiex tiġi indiċjata jekk id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jħallasha sa tmiem is-sena kalendarja li fiha jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ il-ftehim.

6. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jitlef id-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni stabbiliti skont il-ftehim qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jintalab iħallas it-tariffa għas-sena sħiħa ta' użufrutt li fiha ntilfu dawn id-drittijiet. Jekk, madankollu, id-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni jintilfu minħabba li l-konċessjoni tiġi rtirata jew minħabba r-raġunijiet speċifikati fit-Taqsima 9(1), (3) jew (4), id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallas it-tariffa għall-perjodu kollu tal-użufrutt speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), filwaqt li jitqies l-indiċjar għas-sena ta' qabel it-terminazzjoni tal-ftehim. It-tariffa għandha titħallas fi żmien 30 jum mid-data meta jkunu ntilfu d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni. It-telf tad-drittijiet ta' użufrutt ma jirrilaxxax lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni mill-obbligi ambjentali relatati mas-suġġett tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni, b'mod partikulari l-obbligi relatati mal-ħarsien tad-depożiti.

7. Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallas it-tariffa għad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni fil-kont bankarju tal-Ministeru għall-Ambjent fil-Fergħa ta' Varsavja tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja bin-numru 07 1010 1010 0006 3522 3100 0000, għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni b'rabta ma' konċessjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali u għall-estrazzjoni tal-gass naturali fiż-żona ta' "Bytów".

Id-data tal-ħlas għandha tkun id-data li fiha l-fondi jiġu kkreditati lill-kont tat-Teżorerija tal-Istat.

8. It-tariffa speċifikata fil-paragrafu 1 m'għandhiex tkun suġġetta għal taxxa fuq l-oġġetti u s-servizzi (il-VAT). Jekk il-leġiżlazzjoni tiġi emendata b'tali mod li l-attivitajiet li huma s-suġġett ta' dan il-ftehim ikunu suġġetti għat-tassazzjoni, l-ammont tat-tariffa għandu jiżdied bl-ammont tat-taxxa dovuta.

9. It-Teżorerija tal-Istat għandha tinnotifika lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni bil-miktub dwar xi tibdil fin-numru tal-kont imsemmi fil-paragrafu 7.

10. Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jibgħat kopji tal-evidenza tal-ħlas tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 lit-Teżorerija tal-Istat fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ħlas tat-tariffa għall-istabbiliment tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni.

Taqsima 7

Wara li d-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jikseb deċiżjoni ta' investiment li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-estrazzjoni tal-gass naturali, fi żmien 30 jum mid-data ta' dik id-deċiżjoni, il-partijiet għandhom jiffirmaw anness għal dan il-ftehim li jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-ftehim matul il-fażi tal-estrazzjoni.

Taqsima 8

Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jista' jeżerċita d-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 1(1) biss wara li jkun kiseb kunsens bil-miktub dwar dan mingħand it-Teżorerija tal-Istat.

Taqsima 9

1. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jikser l-obbligi stipulati fil-ftehim, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, it-Teżorerija tal-Istat tista' ttemm il-ftehim b'effett immedjat, mingħajr ma d-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jkun intitolat jagħmel xi talba fuq il-proprjetà. Madankollu, il-ftehim m'għandux jinġieb fi tmiemu jekk id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jkun kiser l-obbligi li joħorġu minnu minħabba forza maġġuri.

2. Jekk il-ftehim jinġieb fi tmiemu għar-raġunijiet speċifikati fil-paragrafu 1, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jħallas lit-Teżorerija tal-Istat piena kuntrattwali ta' 25 % tat-tariffa għall-perjodu kollu tal-użufrutt speċifikat fit-Taqsima 2(1) u (2), suġġetta għall-indiċjar għas-sena ta' qabel dik li fiha jkun inġieb fi tmiemu l-ftehim.

3. Jekk id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jdum ma jħallas it-tariffa għal iktar minn sebat ijiem wara l-iskadenzi speċifikati fit-Taqsima 6(1) jew (2), it-Teżorerija tal-Istat għandha titlob lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jħallas it-tariffa pendenti fi żmien sebat ijiem minn meta tkun waslet it-talba, u jekk ma jagħmilx dan, il-ftehim jinġieb fi tmiemu b'effett immedjat.

4. It-Teżorerija tal-Istat tista' ttemm il-ftehim kollu jew parti minnu billi tagħti avviż ta' 30 jum lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni, li jibdew minn tmiem ix-xahar tal-kalendarju, jekk dan ma jinfurmahiex biċ-ċirkustanzi msemmija fit-Taqsima 3(2) fi żmien 30 jum minn meta jseħħu.

5. Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jintrabat bil-ftehim sad-data meta tinġieb fi tmiemha l-konċessjoni u ma jistax itemm il-ftehim.

6. Il-ftehim għandu jintemm bil-miktub, u jekk dan ma jseħħx it-terminazzjoni ma tkunx valida.

7. Il-partijiet jaqblu li jekk it-Teżorerija tal-Istat ittemm il-ftehim, it-tariffa mħallsa għad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni msemmija fit-Taqsima 6(1) m'għandhiex tiġi rimborżata.

8. It-Teżorerija tal-Istat tirriżerva d-dritt li titlob kumpens li jkun jaqbeż l-ammont tal-pieni kuntrattwali f'termini ġenerali jekk l-ammont ta' ħsara li hija tkun ġarrbet ikun jaqbeż il-pieni kuntrattwali.

Taqsima 10

Fil-każ ta' forza maġġuri, il-partijiet għandhom immedjatament jagħmlu kull sforz biex jiftiehmu dwar kors ta' azzjoni. "Forza maġġuri" għandha tiftiehem bħala avveniment mhux mistenni li jaffettwa b'mod dirett lid-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni, li jfixkel il-prestazzjoni tal-attivitajiet li magħhom huwa relatat il-ftehim u li ma jistax jiġi previst jew evitat.

Taqsima 11

Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni jista' japplika għal estensjoni tal-ftehim kollu jew ta' parti minnu, u għandu jagħmel dan bil-miktub, u jekk ma jagħmilx hekk, l-applikazzjoni ma tkunx valida.

Taqsima 12

Jekk il-ftehim jinġieb fi tmiemu, id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni m'għandux ikun intitolat jitlob lit-Teżorerija tal-Istat għal żieda fil-valur tas-suġġett tad-drittijiet ta' użufrutt tal-estrazzjoni.

Taqsima 13

Kull tilwima li toħroġ mill-ftehim għandha tiġi solvuta mill-qorti ordinarja li fil-ġuriżdizzjoni tagħha tkun taqa' s-sede tat-Teżorerija tal-Istat.

Taqsima 14

Fi kwistjonijiet mhux irregolati mill-ftehim, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Liġi dwar il-Ġeoloġija u l-Estrazzjoni u tal-Kodiċi Ċivili, b'mod partikulari dawk relatati mal-kiri.

Taqsima 15

Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni għandu jġarrab l-ispejjeż tal-konklużjoni tal-ftehim.

Taqsima 16

L-emendi għall-ftehim għandhom isiru bil-miktub, u jekk ma jsirx hekk ma jkunux validi.

Taqsima 17

Dan il-ftehim tfassal fi tliet kopji identiċi (kopja għad-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni u żewġ kopji għall-Ministru għall-Ambjent).

It-Teżorerija tal-Istat **Id-Detentur tad-Drittijiet ta' Użufrutt tal-Estrazzjoni**